

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Avviż mill-Ministeru tal-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja dwar sejħa għall-offerti għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi ġewwa ż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Latvja

(2009/C 73/06)

Skont il-Liġi dwar is-Sottostrat, ir-Regolament tal-Kabinett Nru 597 tal-4 ta' Settembru 2007 dwar il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni u l-ammonti ta' u l-proċeduri sabiex jitħallsu d-dazji tal-Gvern, u l-Ordni tal-Kabinett Nru 594 tal-21 ta' Settembru 2007 dwar l-istabbilment ta' siti liċenzjati tal-prospettar tal-idrokarburi ġewwa ż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Latvja, il-Ministeru tal-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja qiegħed għalhekk joħroġ avviż ta' sejħa għall-offerti għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi ġewwa ż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Latvja fil-koordinazzjonijiet ellissoj-dali (ġeografiċi) li ġejjin skont is-Sistema Ġeodesika Dinjija tal-1984 (WGS 84):

Angoli	Latitudni tat-Tramuntana	Lonġitudni tal-Lvant
1	56 gr 10'00"	19 gr 10'14,5"
2	56 gr 14'59,1"	19 gr 13'22,8"
3	56 gr 26'59,2"	19 gr 20'52,7"
4	56 gr 30'00"	19 gr 22'23"
5	56 gr 30'00"	19 gr 40'00"
6	56 gr 10'00"	19 gr 40'00"

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi u l-paragrafu 46 tar-Regolament tal-Kabinett imsemmi hawn fuq, il-Ministeru tal-Ekonomija jistieden lill-entitajiet kollha interessati sabiex jiksbu kopja tar-regolamenti relatati mas-sejħa għall-offerti għall-prospettar u l-produzzjoni tal-idrokarburi ġewwa ż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Latvja.

Tip ta' liċenzja: l-offerta li tintgħażel tinħarġilha liċenzja għall-prospettar u l-produzzjoni tal-idrokarburi.

Indirizz u ħinijiet tal-uffiċju sabiex jinkisbu r-regolamenti tal-offerta: Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija, Brīvības ielā 55, Rīgā, LV-1519, Latvijā, kull jum ta' matul il-ġimgħa bejn id-9 a.m. u l-5 p.m. (GMT +2). Ir-regolamenti tal-offerta jistgħu jinkisbu fi żmien 30 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Prezz sabiex jinkisbu r-regoli tal-offerta: LVL 350. Il-ħlas għandu jsir f'LVL bi trasferiment tal-fondi lill-Ministeru tal-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja, numru tar-reġistrazzjoni 90000086008, kodiċi tat-teżor TRELIV22, numru tal-kont LV10TREL212001C310000, b'indikazzjoni li huwa "Ħlas għar-regoli tal-offerta relatata mas-sejħa għall-offerti għall-prospettar u l-produzzjoni tal-idrokarburi ġewwa ż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Latvja". Għandha tkun ppreżenta prova tal-ħlas, sabiex jinkisbu r-regoli.

L-iskadenza għal applikazzjonijiet: Offerta tista' tinġieb personalment ġewwa ċ-Ċentru tas-Servizzi tal-Konsumatur tal-Ministeru tal-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja, jew tintbagħat bil-posta lil-Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija, Brīvības iela 55, Rīga, LV-1519, Latvija fi żmien 90 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija l-5 p.m. (GMT +2) fid-disgħin jum ta' wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Persuna ta' kuntatt: Ilze Ruško, Kap tad-Diviżjoni tal-Liċenzji, il-Permessi u l-Koordinazzjoni, Dipartiment tal-Enerġija, Ministeru tal-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja. tel. +371 67013173, posta elettronika: ilze.rusko@em.gov.lv Jekk jogħġbok applika għar-regoli tal-offerta qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek.
